MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2014

Mandat Numru. 1626/2014/1

**Rikors ghall-hrug ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni Numru 1626/2014/LSO fl-ismijiet:-**

**Albert Muscat ID Nru: 435379M u Elaine Pace ID Nru: 480878M**

**vs**

**Maltco Lotteries Limited**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrenti Albert Muscat et fis-17 ta' Ottubru 2014 fejn ikkonfermaw : -

Illi l-esponenti, sabiex jikkawtela d-drittijiet tieghu jixtieq izomm l-intimat milli :-

Jissokta bit-theddida komunikata lilhom bil-miktub li fil-konfront ta' Elaine Pace jitterminawlha s-servizz tal-"online connection" tal-apparat taghha mas-sistema centrali tal-socjeta' intimata (Dok "A") u fil-konfront ta' Albert Muscat li jitterminawlu ghal kollox is-servizz, li jiehdulu l-apparat u li jwaqqfu il-kuntratt li ghandu maghhom (Dok "B").

Illi l-agir kontemplat mis-socjeta` intimata li jiddeciedu b' mod arbitrarju unilaterali dwar 'breach of contracts' *o meno* huwa abbuziv u illegali;

Illi difatti l-kontestazzjoni tar-rikorrenti huwa il-mertu ta' mandat ta' inibizzjoni Nru:1814/13 deciz favur taghhom fit-13 ta' Dicembru 2013 u kif ukoll il-mertu ta' kawza civili quddiem il-Prim' Awla rikors guramentat Nru:1214/13JRM liema kawza tinsab pendenti tistenna l-ezitu ta' proceduri ta' arbitragg istintivi bejn l-istess rikorrenti u ohrajn kontra s-socjeta` intimata;

Rat id-digriet tas-17 ta' Ottubru 2014 fejn il-Qorti laqghet it-talba provizorjament u ordnat in-notifika lill-kontro-parti b'erbat ijiem (4) zmien ghar-risposta; irriservat li tipprovdi definittivament fi stadju ulterjuri, u appuntat il-Mandat ta' Inibizzjoni ghas-smigh ghas-6 ta' Novembru 2014 fil-11.30a:m.

Rat ir-risposta ta' Malta Lotteries Limited datata 21 ta' Ottubru 2014.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-6 ta' Novembru 2014 fejn meta ssejjah ir-rikors deher Dr. Raphael Fenech Adami ghar-rikorrenti Elaine Pace prezenti filwaqt li  Alfred Muscat deher ghal ibnu Albert Muscat, u Dr. Aaron Zammit Apap u Dr. Matthew Galea Debono ghas-socjeta' intimata assistiti minn Dr. Louis DeGabriele.

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet u rat l-atti kollha pprezentati.

**Ikkonsidrat**

Illi permezz ta' dan ir-rikors, qed jintalab il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex is-socjeta' intimata tigi inibita milli taqta' s-servizzi elettronici li jippermettu lir-rikorrenti li joperaw in-negozju taghhom ta' bejjiegha tal-

prodotti tal-intimata mill-banka tal-lottu rispettivi taghhom. Huma jallegaw li dan is-servizz hu essenzjali biex jahdmu n-negozju taghhom.

Din it-talba giet opposta mis-socjeta` intimata li tiddefendi ruhha billi ssostni li ma agixxiet bl-ebda arbitrarjeta, anzi qed tagixxi abbazi tal-kuntratti ta' agenzija konkordat bejnha u r-rikorrenti (**Dokti.EP1 u AM1)** li taghti il-jedd lis-socjeta' intimata biex tissospendi l-linja ta' komunikazzjoni mac-centru tas-socjeta` u, *inoltre*, biex tittermina l-ftehim. Skont is-socjeta' intimata l-istess rikorrenti vvjolaw is-segwenti klawsoli tal-istess:

i. Fil-kaz ta' Muscat - vjolazzjoni tal-artikoli 3(e),6(g),6(i) u 18(a)(i);u

ii. Fil-kaz ta' Pace - vjolazzjoni tal-artikolu 3(e)

Ghaldaqstant irribattiet li jekk ma tistax tezercita l-jeddijiet taghha skont il-kuntratt jigi abbandunat il-principju kardinali ta' *pacta sunt servanda.*

Il-fatti sintetikament huma s-segwenti. Il-kontendenti dahhlu f'*Agency Agreement* rispettivament mas-socjeta' intimata. F'dak li jirrigwarda lill-Albert Muscat jirrizulta li s-Socjeta' avzatu b'diversi ittri ta' varji nuqqasijiet tieghu b'varji nuqqasijiet, fosthom li ma jzommx il-minimu stipulat ta' *scratcher tickets* (**Dokti AM3-AM5)** u tatu preavviz li kien ser jigi skonnettjat jekk ma jottemperax ruhu mal-obbligazzjonijiet kontrattwali tieghu. Eventwalment il-konnessjoni giet maqtugha fl-24 ta' Settembru 2014 u l-banka tal-lottu tieghu baqghet maghluqa. B'ittra ohra tal-10 ta' Ottubru 2014 gie imwissi li jekk ma jottemperax ruhu mal-ftehim, dan kien ser jigi tterminat fi zmien sebat ijiem, f'liema perjodu pprezenta l-mandat odjern. Fir-rigward ta' Elaine Pace hi nghatat preavviz *stante* nuqqasijiet taghha biex tonora l-ftehim izda l-ksur baqa’

ma giex rimedjat. Hi pprezentat dan il-mandat fit-terminu moghtija mill-Socjeta'.

**Ikkunsidrat** li t-trattazzjoni ccentrat fuq ksur allegat ta' wiehed mill-obbligazzjonijet tar-rikorrenti u cioe`, l-obbligu li jzommu fil-banka ammont minimu ta' *scatcher tickets.* .

Skont il-**klawsola 3(e)** tal-kuntratti relattivi l-agenti obbligaw ruhhom "*to purchase one (1) packet as a minimum of each and every edition of Instant Lottery Tickets as may be launched by the Company from times to time and the Agent further undertakes and obliges him/herself towards the Company to ensure that at all times he/she maintains a stock of a minimum of half a packet from every edition of instant Lottery Tickets within the Point of Sale, throughout the terms of this Agreement......"*

Ukoll skont il-proviso tal-artikolu 5(a) is-Socjeta' irriservat il-jedd li wara preavviz tiskonnettja s-sistema tal-agent mis-sistema centrali "*in the event that the Agent defaults under any of his obligations in terms of this Agreement and such default is not remedied within 24 hours ."*

*Inoltre* l-Kuntratti jipprovdu ghat-terminazzjoni tas-servizz mill-Socjeta` intimata jekk l-agenti, fi zmien sebat ijiem minn notifika ta' avviz f'dan is-sens, ma jirrimedjax kwalsiasi ksur tal-ftehim ("*any breach by the Agent for any reason whatsoever of any provision of this agreement")-* klawsola.17(e)- **klawsola 17(e)**

L-istess kuntratti jiddisponi ghall-procedura arbitrali f'kaz ta' litigju anke dwar it-tifsira tad-drittijiet u obbligazzjonijiet stipulati **(klawsola 25**) u dan

wara li l-partijiet jippruvaw jirrisolvu l-kwistjoni bejniethom b'mod amikevoli.

Premess li l-ghan ta’ talba ghal hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni huwa dak li jzomm persuna milli taghmel xi haga li tista’ tkun ta’ hsara jew pregudizzju lil parti li titlob il-hrug tal-mandat.

Bil-ligi jehtieg li r-rikorrenti juri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta’ mandat bhal dak. L-ewwel haga li jrid juri hi li l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrenti tant li bin-nuqqas ta’ hrug tieghu ir-rikorrenti ser isofri pregudizzju; it-tieni haga hi li r-rikorrent ikun jidher li ghandu *prima facie* dawk il-jeddijiet. Dawn iz-zewg elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi u jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug ta’ mandat bhal dak; *inoltre* huma kriterji oggettivi u fl-applikazzjoni tal-ligi dwar kif u meta ghandu jinhareg mandat il-Qorti ghandha tuza interpretazzjoni restrittiva. Dan ghaliex il-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni bhal kull mandat kawtelatorju isir fi zmien meta l-pretensjoni ma tkunx ghadha giet guridikament accertata u stabbilita.

***Jedd 'Prima Facie'***

Ir-rikorrenti jissottomettu li l-arbitrarjeta' tal-agir tas-Socjeta' li tiddeciedi hi dwar x'jikkonsisti fi ksur kontrattwali hija illegali u abbuziva u jirreferu ghall-proceduri pendenti quddiem l-arbitru fuq dan il-mertu.

Mhix il-kompitu ta' din il-Qorti biex tesprimi ruhha fuq il-mertu tal-kwistjoni bejn il-kontendenti, jew fuq l-interpretazzjoni li ghandha tinghata lill-klawsoli operattivi li qed tinvoka s-Socjeta' - dan hu l-mertu

ta' stharrig aktar akkurat u approfondit li ghandu jsir waqt il-proceduri arbitrali.

Huwa minnu li mhuwiex in kontestazzjoni li l-agenti ma kellhomx l-ammont minimu ta' *scratcher tickets* u dan jirrizulta anke minn ispezzjoni illi saret fil-banka rispettiva taghhom. Izda jirrizulta lampanti mit-trattazzjoni li hemm kwistjoni ta' interpretazzjoni tal-obbligazzjonijiet u drittijiet assunti kif ukoll dwar l-allegat arbitrarjeta' fl-agir tas-Socjeta' fl-applikazzjoni tal-kuntratt.

Illi l-socjeta' intimata takkampa fuq il-principju *pacta sunt servanda* u in fatti lanqas jirrizulta allegat li l-istess socjeta' ma osservatx il-ftehim "*to the letter".* Agixxiet korrettement pass pass kif stipulat fil-kuntratt fejn iddokumentat in-nuqqasijiet tal-agenti, avzathom bihom, tathom iz-zmien biex jirrettifikaw in-nuqqasijiet sa fl-ahhar, fil-kaz ta' Muscat, agixxiet a tenur tal-klawsola 17(e) biex tittermina s-servizz. Ghalhekk tissottometti li mhux talli r-rikorrenti lanqas ghandhom jedd *prima facie* imma l-jedd hu tal-istess Socjeta' kif inhu imnissel mill-pattijiet kontrattwali bejn il-kontendenti.

Dwar dan il-punt,  jigi sottolinejat li r-rikors guramentat istitwit mir-rikorrenti flimkien ma' ohrajn[1] hija pernjata mhux biss fuq ir-rifjut tar-rikorrenti li jiffirmaw *addendum* gdid ghall-kuntratti taghhom,[2] imma tinvesti lill-Qorti bil-kwistjonijiet dwar in-natura vera tal-ftehim bejn il-partijiet bhala wahda bilaterali u aktar komprensiva minn ftehim ta' agenzija u dwar l-allegat arbitrarjeta` fl-agir tas-socjeta' intimata li, unilateralment tiddeciedi x'jikkkonsisti fi ksur tal-kuntratt u ttemm l-istess. Difatti dan jirrizulta mill-ewwel zewg talbiet dedotti fir-rikors Guramentat.

---

[1] Kopja ipprezentata b'nota fil-5 ta' Novembru 2014 - Rik. Gur.1214/13 JRM **Felix Mifsud et v Maltco Lotteries Limited**

[2] Dan kien il-premess fit-talba ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni Nru. 1824/13 SM li saret mir-rikorrenti flimkien ma' ohrajn, liema talba giet akkolta b'Digriet ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta moghti fit-13 ta' Dicembru 2013.

Bit-tielet talba qed jitolbu li tinghata ordni lill-socjeta' intimata sabiex tindirizza l-allegat *breach of contract* lill-Awtorita' imparzjali anke *tramite* proceduri ta' Arbitragg (tielet talba). Il-fatt li dawn il-proceduri issa gew riferuti ghall-arbitragg skond kif pattwit ma jfissirx li nbiddlet il-pern tal-vertenza.

Kif gie ritenut minn din il-Qorti kif diversament presjeduta  meta akkoljiet it-talba ghall-hrug tal-Mandat numru 1824/13 SM, "*Il-vertenza hekk rilevata ghalhekk tinvolvi analizi dettaljat tal-artikoli riferiti mill-istess kontendenti qabel ma tkun tista' tigi b'xi mod rizolta - kemm jista' jkun fl-istess interess tal-kontendenti."*

Minkejja li l-mertu tal-mandat kien differenti ghal dak tal-lum, l-istess osservazzjoni tapplika ghall-ezercizzju ta' interpretazzjoni tal-klawsoli kontrattwali li qed jigu nvokati mis-socjeta' intimata. Dan mhux ghar-raguni li kull klawsola, mehuda wahidha mhix cara, imma minhabba li mehudin fl-assjem taghhom flimkien mal-klawsola 25, jistghu jissodisfaw il-jeddijiet vantati mir-rikorrenti almenu fuq bazi *prima facie* biex jilqghu kontra l-arbitrarjeta' tal-istess socjeta' intimata fis-sens li gej.

**Ikkonsidrat** li l-kuntratti in mertu jimponu obbligazzjoni fuq iz-zewg partijiet li jirrisolvu l-kwistjonijiet bejniethom amikevolment u fejn dan ma jsehhx  ghandu (*shall)* jigi riferut ghall-procedura ta' arbitragg (**klawsola 25).**

Illi l-massima legali *pacta sunt servanda* tesprimi principju fondamentali fil-kamp kontrattwali. Izda dan il-principju japplika ghaz-zewg partijiet f'kuntratt bilaterali fejn japplika ukoll il-principju li kull parti ghandha tagixxi *in bona fede*. Din il-Qorti tavverta li l-istess kuntratti jimponu obbligu reciproku fuq iz-zewg partijiet (u konsegwentement dritt

reciproku) li jirrisolvu amikevolment jew permezz ta' arbitragg, il-kwistjonijiet ta' bejniethom. Din il-procedura, mas-semplici daqqa t'ghajn tisgarra mal-agir, altrimenti ikkontemplata fl-istess kuntratt tas-socjeta' intimata li mxiet ghas-sospensjoni jew terminazzjoni unlaterali minghajr ma sewgiet il-process ta' ftehim/arbitragg.

Illi inoltre, ghalkemm jidher li l-klawsola 17 tista' tinkorpora patt risoluttiv espress, gie ritenut, dejjem fil-kamp civili, li jenhtieg pronunzjament tal-Qorti dwar jekk l-agir impunjat jikkonstitwixxi ksur biex il-ftehim jigi teriminat.[3]

Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, anke minhabba li r-rikorrenti iddeducew talbiet quddiem il-Qorti (mertu tal-arbitragg) proprjament immirati lejn is-sindakar tad-drittijiet tas-socjeta' intimata naxxenti mill-kuntratti taghhom, jirrizulta soddisfacjentement li ghandhom id-dritt *prima facie* li jitolbu l-hrug ta' dan il-Mandat sakemm id-drittijiet tas-socjeta' intimata jigu determinati fis-sede kompetenti fl-ezami tal-mertu .

**Htiega ta' dan il-Mandat**

Ir-rikorrenti issottomettew li jaqilghu l-ghixien taghhom mill-banka tal-Lottu. Jekk il-mandat ma jigix milqugh il-konsegwenza bilfors ser ikun li dawn ser jinghalqu billi l-Maltco Lotteries Limited ghandha monopolju fis-settur.

Ghaldaqstant jirrizulta soddisfatt ukoll il-kwezit ta' irrimedjabbilta`.

[3] Art. 107 moqrija flimkien mal-Art.1069 tal-Kap.16

**Decide**

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-atti kollha relattivi jirrizultalha li gie ppruvat *prima facie* d-dritt vantat mir- rikorrenti u li wkoll jezistu l-elementi necessarji ghall-hrug tal-Mandat ta’ Inibizzjoni, u ghalhekk **tilqa’ t-talba kif dedotta** ghall-hrug tal-Mandat ta’ Inibizzjoni.

L-ispejjez tal-Mandat jithallsu mis-socjeta' intimata.

**Degretat.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------